MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2012

Appell Civili Numru. 8/2011

**Maria Rita Galea**

**vs**

**Carmelo Farrugia Melfar Ltd.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-22 ta’ Settembru 2011 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***“It-Tribunal,***

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-02 ta’ Gunju 2010 fejn ir-rikorrenti talbet li ma thallas kont ta’ elf, tmien mija u hamsa u sittin ewro (€1,865) mahrug mis-socjeta’ ntimata dwar installazzjoni ta’ Stairlifts.*

*L-intimat pprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;*

***Ikkunsidra s-segwenti:***

*Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija ordnat stairlift wiehed minghand is-socjeta' ntimata u li kellu jkun imhallas mill-Awtorita' tad-Djar u fil-fatt dan sar u s-socjeta' ntimata thallset direttament minghand l-Awtorita' tad-Djar.*

*Kellu jsir stairlift iehor sabiex titla' ghal fuq il-bejt u kien hemm ftehim illi kellu jsir hlas ta' tmien mitt Lira Maltin (Lm800) pero' skond ir-rikorrenti, l-intimat accetta li ma thallashomx, u l-bilanc kien jehodhom minghand l-Awtorita' tad-Djar.*

*Ir-rikorrenti ordnat ukoll puggaman tal-aluminium minghand is-socjeta' ntimata.*

*L-intimat issottometta illi skond l-istima li kien ipprezenta lir-rikorrenti, kellha thallas elf, seba' mija u erbgha u disghin Lira Maltin(Lm1,794) apparti l-vat.*

*L-intimat issottometta wkoll illi kien talab ghal elf Lira Maltin (Lm1,000) minghand il-Community Chest Fund u ghalhekk il-bilanc huwa dovut.*

***It-Tribunal jinnota illi:-***

*It-Tribunal qieghed jiffaccja zewg verzjonijiet, wahda illi r-rikorrenti qalet li s-socjeta' ntimata kienet accettat li ma jithallasx il-bilanc tat-tieni stairlift u li tithallas elf Lira Maltin (Lm1,000) minghand il-Community Chest Fund, u l-verzjoni tal-intimat illi qatt ma kien hemm ftehim f'dan is-sens u li baqghalu jiehu l-ammont ta' flus, pero' jinnota li*

*s-socjeta' ntimata hija entita' kummercjali u trid tithallas ta' xogholha u fil-fatt jidher li ghalkemm ir-rikorrenti hadet sussidju u donazzjonijiet minn diversi entitajiet baqa' bilanc favur is-socjeta' ntimata ta' hlas tat-tieni stairlift kif ukoll tal-puggaman tal-aluminium.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal qed jikkunsidra li hemm ammont dovut lis-socjeta' ntimata u qed jemmen il-verzjoni taghha u qed jillikwida l-ammont ghal bilanc tat-tieni stairlift kif ukoll ghal puggaman, fl-ammont ta' sitt mitt Lira Maltin (Lm600), bl-ispejjez jigu supportati ugwalment bejn il-partijiet.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmelo Farrugia Melfar Ltd. datat 25 ta' Ottubru 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' April 2012.

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-appellata Maria Rita Galea datata 28 ta' Novembru 2011 a fol 7 tal-process fejn sostniet ghar-ragunijiet hemm indikati li t-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti nkluz tal-appell.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Lorna Mifsud Cachia ghas-socjeta` appellanti u Dr. Daniela Cassar ghall-appellata presenti. Il-Qorti hadet konjizzjoni tan-nota tas-socjeta` appellanti pprezentata f'dawn l-atti wara l-ahhar seduta. Dr. Daniela Cassar ipprezentat nota guramentata da parti tal-appellata b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti. Dr. Cassar esebit l-*envelope* mibghut mit-Tribunal bis-sentenza tal-istess Tribunal u dan qed jigi mmarkat bhala Dok "DC". Il-Qorti eccezzjonalment u peress li jidher li ma hemmx oggezzjoni ippermettiet il-prezentata ta' tali nota ghalkemm kellu jintalab il-permess taghha qabel ma dawn jigu pprezentati. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie

differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu b’dan li l-Qorti ghamlitha cara li ser tiddeciedi il-kwistjonijiet kollha li hemm quddiema kemm dawk preliminari, kemm dawk fil-mertu ghall-11 ta’ Ottubru 2012.

Rat in-noti guramentati tal-partijiet datati rispettivament 24 ta’ Mejju 2012 u 15 ta’ Mejju 2012.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti datat 9 ta’ Lulju 2012 fejn il-kawza giet rikjamata ghas-seduta tas-16 ta’ Lulju 2012 u d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati bl-istess digriet u allura din il-Qorti ser taghddi sabiex taghti s-sentenza taghha llum.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fl-ismijiet premessi datata 22 ta’ Settembru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) d-decizjoni hija nulla ghaliex it-Tribunal iddecieda *extra petita* ghaliex huwa llikwida l-ammont ta’ €1,397.62 dovut skond huwa mis-socjeta’ appellanti meta fil-verita’ l-unika kwistjoni li kellhu quddiemu kienet dik li l-appellata talbet lit-Tribunal sabiex ma thallasx kont partikolari li ma kienx thallas minnha meta giet mitluba thallas dan mis-socjeta’ appellata, u dan ghaliex ma skond hija kien hemm ftehim u allura l-istess Tribunal mar oltre dak li kien mitlub li jigi deciz minnu; (b) it-Tribunal ma nnotifikax lis-socjeta’ appellata bid-data meta kienet saret taf bis-sentenza u fil-fatt is-socjeta’ intimata saret taf bis-sentenza biss fis-6 ta’ Ottubru 2011 meta rceviet kopja tal-istess u dan jmur kontra dak pprovdut fir-**regolament 14.2 tar-Regoli dwar it-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumaturi – L.S. 378.01 – Avviz Legali 8 tal-1996** ghaliex is-socjeta’ appellata ma inghatatx zmien bizzejjed sabiex taghmel dan l-appell.

Illi dwar it-tieni aggravju din il-Qorti thoss li effettivament d-decizjoni tat-Tribunal hija nulla u bla effett ghaliex ma inghatatx skond kif indikat fid-data li jaghti li t-Tribunal lill-partijiet verbalment waqt seduta tieghu, jew inkella wara li jaghraf lill-partijiet bil-miktub permezz tas-Segretarju tat-Tribunal kif proprju ndikat fl-istess regolament, tant li jidher, anke mix-xhieda tal-appellata li l-ewwel inghatat id-decizjoni minghajr ma kienu jafu l-partijiet u mbaghad il-partijiet kienu notifikati bis-sentenza permezz tal-posta, l-appellata tghid fl-24 ta' Settembru 2011 u s-socjeta' appellanti tghid fis-6 ta' Ottubru 2011. Ovvjament ma hemm ebda prova lanqas fil-process ta' dan u kull ma hemm l-envelope li ntbaghat lill-appellata bid-decizjoni, izda dwar meta tali decizjoni ntbaghatet lis-socjeta' appellanti ma hemm xejn. Fi kwalunkwe kaz il-Ligi tipprovdi li l-partijiet ghandhom jkunu informati minn qabel bil-mod indikat fl-istess regolament citat bid-data meta kellha tinghata d-decizjoni u dan ma sarx kif indikat bil-ligi u ghalhekk tali decizjoni hija nulla u bla effett.

Illi la darba dan huwa l-kaz mela allura ma jistax jinghad li t-terminu sabiex issir l-appell indikat skond l-**artikolu 22 tal-Kap. 378,** li huwa dak ta' ghoxrin gurnata mid-data meta nghatat is-sentenza mit-Tribunal, skada ghaliex dan it-termimu fil-verita' qatt ma beda jghaddi la darba l-istess decizjoni ma nghatatx qabel mal-partijiet ma gew informati bl-istess skond l-istess regolament citat mis-socjeta' appellanti u ghalhekk l-eccezzjoni tal-appellata li dan l-appell huwa *fuori termine* ma' tistax tissussisti u ghalhekk waqt li din l-eccezzjoni qed tigi michuda t-tieni aggravju qed jigi michud.

Illi dwar l-ewwel aggravju jidher car li t-talba tar-rikorrenti quddiem it-Tribunal kienet limitata ghall-ammont ta' €1,865  li hija parti mis-somma li kienet qed titlob is-socjeta' appellanti, tant li dan l-ammont jista' jirreferi biss ghall-*Invioce* datata 27 ta' Ottubru 2009 ghall hlasijiet bilancjali tal-istairlifts (STL 1001) fejn il-bilanc mitlub kien hemm indikat ta' €1,928 (bil-VAT nkluz), izda certament mhux ghall-*extra works* indikati b'kont datat 3 ta' Dicembru 2009 ghall €3,459.35 u 18 ta' Marzu 2010 ghall

l-ammont kollu li s-socjeta' appellanti kienet qed titlob li tithallas minghand l-intimata fl-ammont ta' €5,021.91. Mela allura anke hawn l-appell tas-socjeta' appellanti huwa gustifikat u dan ghaliex l-istess Tribunal tratta r-relazzjoni kollha li kien hemm bejn il-partijiet li ma kienitx it-talba kif arginata mill-appellata stess limitata fis-sorte proprju ghall-ammont ta' €1,865  li certament ma kienx jinkludi t-talba tal-hlas ta' extra works. Fil-fatt id-dokument sottomess mill-appellata quddiem it-Tribunal flimkien mat-talba taghha kien limitat ghall dak li hija intestat bhala "Rapport dwar il-kaz ta' Stairlifts – 22 ta' Mejju 2010") u allura lanqas hemm ma jissemmew l-*extra works.* B'hekk anke l-ewwel aggravju qed jigi milqugh u ghalhekk ukoll id-decizjoni tat-Tribunal qed tigi ddikjarata nulla u bla effett.

Illi fl-ahharnett jinghad li la darba t-talba kien ta' €1,200 u iktar mela allura l-appell quddiem din il-Qorti jista' jsir fuq kollox u mhux biss ghar-ragunijiet indikati fl-**artikolu 22 (2)**  u dan kif jipprovdi l-**artikolu 22 (3) tal-Kap. 378.**

Illi dwar il-mertu li huwa l-kompitu ta' din il-Qorti li tiddeciedi skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 22 (4) tal-Kap. 378**, din il-Qorti thoss li mill-provi li hemm quddiema u mid-dokumenti esebiti ma jirrizultax li kien hemm il-ftehim allegat mill-appellata fis-sens li hija ma kellha thallas xejn ghall-istess lifts, u certament allura li l-kont kif rikjest ghall-lifts fl-ammont attwalment ta' €1,928.37, portata tal-*invoice* indikata tas-27 ta' Ottubru 2009, mertu tal-kawza odjerna kif inghad, u l-unika pendenza li kien hemm quddiem l-istess Tribunal, huwa dovut u dan ghaliex ma jirrizultax li kien hemm il-ftehim allegat mill-appellata, (kif ukoll ikkonkluda l-istess Tribunal) u hawn jidher li l-versjoni tar-rikorrenti la hija kkoroborata, hija kontestata, u lanqas hija verosimili, u ghalhekk t-talba tar-rikorrenti appellata kif maghmula quddiem it-Tribunal qeghda tigi michuda ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. B'hekk l-appell kif propost qed jigi milqugh.

## <u>III.   KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimata datata 28 ta' Novembru 2011, **tilqa' l-appell tas-socjeta' appellanti kif interpost fir-rikors tal-appell datat 25 ta' Ottubru 2011, b'dan tannulla u tirrevoka ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal tal-Konsumatur datata 22 ta' Settembru 2011 fl-ismijiet "Maria Rita Galea vs Carmelo Farrugia Melfar Ltd" (Avviz. Numru CCT 259/2010 – F) u minflok tichad it-talba tar-rikorrenti kif proposta quddiem l-istess Tribunal ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u minflok tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-istess socjeta' appelanti quddiem din il-Qorti u cjoe' s-socjeta' intimata quddiem it-Tribunal.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellata Maria Rita Galea.**

**Moqrija.**

**Onor. Mhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**16 ta' Lulju 2012**

**Melissa Galea**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Lulju 2012**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------